MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Numru. 459/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Pierre Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Pierre Camilleri ta’ 24 sena, iben Mario u Rebecca nee Simiana, imwieled il-Pieta’ nhar it-18 ta’ Novembru 1981 u residenti Flat 5 Josephine Triq ir-Ramel San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 655581 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar l-14 ta’ Frar 2006

a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) tal-Liġijiet ta’ Malta **liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu;**

b) Kif ukoll talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-6 ta’ Lulju 2004 mill-Maġistrat Dott.C.Scerri Herrera liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-porċess inklużi l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tad-29 ta’ Novembru 2006, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 6555 tal-1981, il-fedina penali tiegħu, il-Proces Verbal redat mill-Maġistrat Dr.Joseph Apap Bologna fid-9 ta’ Jannar 2007 intitolat ‘Sejba ta’ sustanza suspettata droga fuq Pierre Camilleri’, il-konferma tal-esperti maħtura fl-inkjesta, u r-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut u s-sentenza tas-6 ta’ Lulju 2004 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Pierre Camilleri’ (ID 00655581(M) (a fol.36) li fiha kien immultat Lm30.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Ikkonsidrat

Li l-fatti fil-qosor huma dawn. Fl-14 ta’ Frar 2006, il-Pulizija għamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat kif ukoll fil-karozza tiegħu waqt lid an kien Pembroke u ma nstab xejn. Ittieħed id-depot fejn ma wieġeb xejn fl-istqarrija

iżda l-Pulizija ndunaw li kellu xi ħaġa f'ħalqu. Minn ħalqu ħarġulu borża li kien fiha trab abjad suspettat kokaina. (Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Pierre Grech, is-second SM Marisa Bartolo (fol 14) u ix-xhieda ta' PC 246 Vincent Decesare fol.26.

Mill-eżami forensiku, irriżulta li s-sustanza kienet kokaina u l-ammont kien traċċa.

Ma kienx hemm aktar provi ammissbbli dwar l-ewwel imputazzjoni għaliex referenzi għal kwantita' akbar minn dik misjuba ġiet minn sorsi li jammontaw għall-hearsay.

Mill-provi prodotti, il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati ta' pussess aggravat, iżda ta' pussess sempliċi biss, reat li hu kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni pproduciet sentenza tas-sena 2004 li turi li l-imputat kien weħel multa ta' teltin lira. Għalkemm l-uffiċjal prosekutur ma għarafx lill-imputat, is-sentenza għandha l-istess ID number li hemm fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat u fuq iċ-ċitazzjoni. Fuq skorta ta' każistika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni ġaladarba l-ID card number ta' fuq is-sentenza jaqbel ma' dak ta' fuq iċ-ċitazzjoni. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) (ii) tal-KAp 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda minflok qed issibu ħati ta' pussess sempliċi li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni. Qed issibu wkoll ħati tat-tieni imputazzjoni. Iżda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti qede tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul l-inkjesta li jammontaw għal  €156 (Lm66.67) fi żmien xahar mil-lum.  Fin-nuqqas dan l-ammont jinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------